MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 897/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
v

**VINCENT VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VINCENT VELLA** ta’ sitta w erbghin sena iben Anthony u Victoria nee Fenech, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta Awissu 1958 u residenti 31, 'Villa Marlu', Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita` numru 563358M gie imressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer bhala proprjetarju u/jew amministratur tal-fond Armier Lido [Bar & Restaurant], sitwat l-Armier, limiti tal-Mellieha, bejn is-sebgha w ghoxrin ta’ Settembru, 2001 u s-sebgha ta' Settembru

2002 b’diversi azzjonijiet maghmula minnu anki jekk fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’risoluzzjoni wahda, b’mezzi qarrieqa li bihom wiehed setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' kurrent elettriku, ikkommetta serq ta’ kwantita ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' elf hames mija sitta w ghoxrin lira maltin u hdax il-centezmu u tmien millezmi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe meter tad-dawl tal-ghamla Krizik bin-numru tas-serie 6569836, liema hsara tammonta ghal inqas mionn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Korporazzjni Enemalta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija tapplika l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal redatt mill-Magistrat Dottor Tonio Mizzi esbit a fol 9 et seq tal-atti odjerni.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta ta'Novembru 2003 esibit bhala dokument CSH 2 a fol 4 tal-atti odjerni sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar t-tmienja ta' Jannar 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lill-imputat jixhed minn jeddu b’mod volontarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnax ta' Mejju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi l-Prosekuzzjoni qed tallega illi t-tbaghbis fil-meter kif deskritt mill-espert tekniku nominat fl-inkjesta u mhux kontestat sar mill-imputat jew minn persuna imqabbda mill-imputat u ghalhekk l-imputat ghandu jirrispondi ghas-serq tal-konsum tal-elettriku li fil-fatt ma giex registrat u imhallas. Fil-fehema tal-Prosekuzzjoni l-mezzi qarrieqa imsemmija mill-espert tekniku fir-relazzjoni holqu presunzjoni skond il-ligi li l-imputat kien jaf bl-uzu jew konsum ta' dan l-elettriku u li kien qieghed jigi ikkunsmat illegalment u li fil-fehema taghha l-imputat ma ipproduca l-ebda prova li tiskossa din il-presunzjoni.

Minn naha l-ohra d-difiza qed issostni *sic et semplicite* illi la l-imputat ma kellux il-pusess effettiv tal-fond fejn instab il-meter imbaghbas ghalkemm il-meter kien registrat f'ismu dan m'ghandux jinsab responsabbli ghar-reat.

Il-Qorti hija tal-fehema li ghandha tispjega l-import tal-artikolu 264 (2) tal-Kodici Kriminali u dan peress illi dwar il-fatti u cioe` l-istat kif instab il-meter u r-risultanzi tal-Korporazzjoni Enemalta dwar il-konsum illecitu ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Issa jekk wiehed jara l-artikolu 264 (2) tal-Kodici Kriminali jsib illi l-ligi trid illi fil-kaz ta' ksur ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters taghhom, jew ta' xi sigill ta' xi meter, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wiehed jista jkollu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom jista jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew immarkar fil-meter tal-kwantita` mehuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju, bhala prova illi d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha il-fond fejn ikunu jinsabu dawk il-kawzi jew mezzi qarrieqa jew jaf jew taf b'dan l-uzu jew konsum ta' kurrent elettriku. Hu evidenti li dan is-subartikolu johloq presunzjoni ta' dolo, *"juris tantum"*, li ghandha tipprevali jekk ma jigix ppruvat il-kuntrarju. Ma dan, pero`, il-Qorti trid tosserva li l-ligi ma tippostax l-oneru tal-prova tal-innocenza tal-imputat fuqu. L-oneru jibqa dejjem fuq il-Prosekuzzjoni li ghandha favurijha l-presunzjoni

imsemmija li pero` tista tigi newtralizzata b'xhieda u provi ohra tal-istess Prosekuzzjoni bhal ma fil-fatt gara f'dan il-kaz.

F'dan il-kaz jirrizulta mill-provi migbura imressqha mill-Prosekuzzjoni s-segwenti fatti li m'humiex kontestati:

1. Illi nhar is-sebgha ta' Settembru, 2002 ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu, saret spezzjoni mill-membri tal-Enemalta fil-fond Armier Lido limiti tal-Mellieha u sabu l-meter imbghabas.
2. Il-manjiera ta' kif sar it-tbghabis f'dan l-istess meter registrat fuq l-imputat huwa deskritt kemm mix-xhieda li taw rappresentanti tal-Enemalta kif ukoll mill-espert tekniku Hugh Camilleri.
3. Illi l-meter huwa registrat f'isem l-imputat.
4. Mix-xhieda ta' Ian Vella l-Korporazzjoni soffriet telf ta' konsum ta' elettriku fl-ammont ta' LM 1526.11c8.
5. Lawrence Micallef jghid illi fiz-zmien meta nqala l-incident il-post kien mikri lill-habiba tieghu Pauline Fenech u l-fond kien okkupat minnu u minnha.
6. Tul il-perjodu tal-kirja li saret fl-24 ta' Settembru, 2001 'l quddiem, l-imputat ma kellux access ghall-fond.

Illi l-imputat xehed f'dawn il-proceduri u ikkonferma illi verament huwa ma kellux il-gestjoni tal-fond u pussess tieghu mill-erbgha u ghoxrin ta' Settembru, 2001 'l quddiem. Illi l-breakdown of estimate tal-meter in kwistjoni mahdum minn Rappresentant tal-Korporazzjoni Enemalta jkopri l-perjodu bejn 27 ta' Settembru, 2001 u 7 ta' Settembru, 2002 u cioe` l-perjodu meta dan il-fond kien f'idejn Lawrence Micallef u Pauline Fenech. In sostenn tax-xhieda tieghu huwa esebixx ftehim privat redatt quddiem in-Nutar Dottor Ruben Casingena, dokumenet esebit fl-atti a fol 105 u ghamel referenza ghad-dokument esebit min-Nutar Dottor Ruben Casingena nhar is-16 ta' Frar, 2004 a fol 86 tal-atti.

Illi ghalhekk in vista ta' dawn il-provi, l-Qorti ma thossx illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuza taghha sal-

grad rikjest mill-ligi. Il-Qorti hija moralment konvinta mill-verzjoni tal-imputat u m'ghandha l-ebda prova lanqas remota li l-imputat setgha kellu x'jaqsam mal-istat ta' kif kien instab dan il-meter mill-haddiema tal-Korporazzjoni nhar is-7 ta' Settembru, 2002.

Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehema li b'dak li xehed l-imputat waqt dawn il-proceduri huwa irnexxielu jeghleb il-presunzjoni kontra tieghu kif riferita fl-artikolu 264 (2) tal-Kap 9 bhala registered consumer u ghalhekk qed taccetta dak li huwa qal.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` 264 (2) u 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuza u tilliberah minnha.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tikkundannha lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-istadju tal-inkjesta, peress illi l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------